**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 4 ta' Gunju 2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**CARMEL SALIBA**

Kump Nru. 1274/2011

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Carmel Saliba detentur tal-karta tal-identita numru 725352M, gie akkuzat talli:

1. Nhar il-5 t' Awwissu 2011 ghall-hin ta' bejn id-9pm u l-10pm fi Triq Luret Cutajar Zebbug, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe il-vettura tat-tip Tata Van bin-numru ta' registrazzjoni EAH 543 liema hsara tammonta ghas-somma ta' €590, ghad-detriment ta' Carmel Borg.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi skond l-Art. 383 et. Seq. tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghas-sigurta ta' Carmel Borg.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-17 ta' Novembru 2011 (ara *folio* 20) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat;**

Illi minn ezami akkurat tar-rizultanzi processwali rrizulta illi nhar il-5 ta` Awwissu 2011, gewwa Triq Luret Cutajar, Zebbug kien hemm glieda bejn diversi nies. Fuq naha wahda kien hemm Antoine Saliba, iben l-imputat, u fuq in-naha l-ohra kien hemm Carmel Borg, ibnu Joseph Borg, u certu Sylvester Zahra u Malcolm Calleja. Jidher illi minhabba nuqqas ta` qbil serju fuq appartament, il-kirja tieghu, nuqqas ta` pagament, oggetti li kienu ghadhom jinsabu fih propjeta` ta` Joseph Borg, bdil ta` serratura minn Antoine Saliba u diskors xejn xieraq meta dawn iltaqghu fit-Triq imsemmija biex jitkellmu dwar il-kwistjonijiet indikati – kif jghid il-malti – ghaqdet sew u sehhet vjolenza fizika, f'liema incident wegga gravi partikolarment Antoine Saliba, li kien qala diversi daqqiet b'zappun.

Illi waqt dan kollu lehaq wasal fuq il-post l-imputat, missier Antoine Saliba, li intervjena sabiex iwaqqaf l-aggressjoni li kienet qed issehh fuq ibnu. L-allegazzjoni kienet illi sabiex jaghmel hekk, l-imputat kien kisser il-van ta` Carmel Borg, vann Tata EAH 543.

Illi f'dan ir-rigward, u cioe` dwar il-hsara li saret fuq tali vann, il-provi kienu insufficjenti u tali li ma jwasslux sal-grad li trid il-ligi ghas-sejbien tal-htija. Apparti dan, fil-verbal tal-udjenza tad-19 ta` Gunju 2018, Carmel Borg u Joseph Borg kienu

ddikjaraw li ma kellhom ebda pretensjoni kontra Carmel Saliba u li ma kellhom ebda interess fit-tkomplija ta` din il-kawza.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, ISSIB U TIDDIKJARA LILL-IMPUTAT CARMEL SALIBA MHUX HATI TAL-IMPUTAZZJONI KIF MIGJUBA KONTRA TIEGHU U MINNHA TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur